Nru. 18,133
Prezz/Price
Lm1.28 (€2.98)

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 9 ta' Ottubru, 2007
Tuesday, 9th October, 2007

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 885

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nri. 18,130 u 18,132 tat-2 u l-5 ta' Ottubru, 2007 rispettivament.

A.L. Nru. 276 ta' l-2007: Att ta' l-2007 li jimplimenta Miżuri ta' l-Estimi (Att Nru. IV ta' l-2007); Ordinanza dwar Self Lokali *(Stock* u Titoli Reġistrati) (Kap. 161); Direttiva mill-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi għall-Ħruġ ta' ammont li ma jeċċedix Lm50,000,000 (i) 5.7% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2012 (It-Tielet Ħruġ) (*Fungibility Issue)* jew (ii) 5% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2021 (L-Ewwel Ħruġ) (*Fungibility Issue)* jew (iii) F'ammonti miż-żewġ *Stocks* imsemmija bil-kundizzjoni li l-valur nominali flimkien ma jeċċedix il-Lm50,000,000.

A.L. Nru. 277 ta' l-2007: Att ta' l-2007 li jemenda l-Att dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi (Att Nru. XII ta' l-2007); Avviż ta' dħul fis-seħħ.

A.L. Nru. 278 ta' l-2007: Att dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi (Kap. 423); Att dwar l-Enemalta (Kap. 272); Regolamenti ta' l-2007 dwar il-*Petroleum* għas-Suq tal-Karburanti bl-Ingrossa fuq l-Art.

A.L. Nru. 279 ta' l-2007: Att dwar il-Mediċini (Kap. 458); Regolamenti ta' l-2007 dwar il-Liċenzi għall-Ispiżeriji.

A.L. Nru. 280 ta' l-2007: Att dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent (Kap. 435); Regolamenti ta' l-2007 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaġġi (Emenda Nru. 2).

GOVERNMENT NOTICES

No. 885

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette Nos. 18,130 and 18,132 of the 2nd and the 5th October, 2007 respectively.

L.N. No. 276 of 2007: Budget Measures Implementation Act, 2007 (Act No. IV of 2007); Local Loans (Registered Stock and Securities) Ordinance (Cap. 161); Directive by the Prime Minister and Minister of Finance for the Issue of an amount not exceeding Lm50,000,000 (i) 5.7% Malta Government Stock 2012 (Third Issue) (Fungibility Issue) or; (ii) 5% Malta Government Stock 2021 (First Issue) (Fungibility Issue) or of; (iii) Any combination of the above two Stocks provided the aggregate nominal value shall not exceed Lm50,000.000.

L.N. No. 277 of 2007: Malta Resources Authority (Amendment) Act, 2007 (Act No. XII of 2007); Commencement Notice.

L.N. No. 278 of 2007: Malta Resources Authority Act (Cap. 423); Enemalta Act (Cap. 272); Petroleum for the Inland (Wholesale) Fuel Market Regulations, 2007.

L.N. No. 279 of 2007: Medicines Act (Cap. 458); Pharmacy Licence Regulations, 2007.

L.N. No. 280 of 2007: Environment Protection Act (Cap. 435); Conservation of Wild Birds (Amendment) (No. 2) Regulations, 2007.

A.L. Nru. 281 ta' l-2007: Att dwar l-Awtorità tad-Djar (Kap. 261); Ordni ta' l-2007 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 4).

A.L. Nru. 282 ta' l-2007: Att dwar l-Eko-Kontribuzzjoni (Kap. 473); Regolamenti ta' l-2007 dwar l-Eko-Kontribuzzjoni (Formola u Dritt Amministrattiv għall-Appell).

Id-9 ta' Ottubru, 2007

L.N. No. 281 of 2007: Housing Authority Act (Cap. 261); Housing Authority (Transfer of Assets) (No. 4) Order, 2007.

L.N. No. 282 of 2007: Eco-Contribution Act (Cap. 473); Eco-Contribution (Form and Administrative Fee for Appeals) Regulations, 2007.

9th October, 2007

Nru. 886

MINISTERU TAL-ĠUSTIZZJA L-INTERN

Ħatra ta' Direttur (Qrati Ċivili u Tribunali) fit-Taqsima Qrati tal-Ġustizzja u Funzjonijiet ta' Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 92 (4) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, ħatar lis-Sur Aldo Testone, Dip. in Labour Studies, bħala Direttur (Qrati Ċivili u Tribunali) fit-Taqsima Qrati tal-Ġustizzja fil-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern b'seħħ mit-18 ta' Settembru, 2007.

Is-Sur Aldo Testone, Dip. in Labour Studies, assuma wkoll il-funzjonijiet ta' Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali Ċivili b'seħħ mit-2 ta' Ottubru, 2007.

Id-9 ta' Ottubru, 2007

No. 886

MINISTRY FOR JUSTICE AND HOME AFFAIRS

Appointment of Director (Civil Courts and Civil Tribunals) in the Law Courts Division and Functions of Registrar, Civil Courts and Civil Tribunals

IN exercise of the powers conferred by Article 92 (4) of the Constitution of Malta, the Prime Minister and Minister of Finance, after consultation with the Public Service Commission, has appointed Mr Aldo Testone, Dip. in Labour Studies, as Director (Civil Courts and Civil Tribunals) in the Law Courts Division within the Ministry for Justice and Home Affairs with effect from the 18th September, 2007.

Mr Aldo Testone, Dip. in Labour Studies, has also assumed the functions of Registrar, Civil Courts and Civil Tribunals, with effect from 2nd October, 2007.

9th October, 2007

Nru. 887

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX

Ħatra ta' Direttur Ġenerali (Operations)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 92 (4) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, ħatar lis-Sur Mario Calleja, B.A.(Hons.), Pub. Admin., M.Sc.(Econ.)Wales, bħala Direttur Ġenerali (*Operations*) mal-Ministeru għal Għawdex b'seħħ mill-5 ta' Settembru, 2007.

Id-9 ta' Ottubru, 2007

No. 887

MINISTRY FOR GOZO

Appointment of Director General (Operations)

IN exercise of the powers conferred by Article 92 (4) of the Constitution of Malta, the Prime Minister and Minister of Finance, after consultation with the Public Service Commission, has appointed Mr Mario Calleja, B.A.(Hons.), Pub. Admin., M.Sc.(Econ.)Wales, as Director General (Operations) with the Ministry for Gozo with effect from 5th September, 2007.

9th October, 2007

Nru. 888

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (AVJAZZJONI ĊIVILI)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Kompetittività u l-Komunikazzjoni approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Mr Anthony Gatt	Direttur Ġenerali *Director General*	Avjazzjoni Ċivili *Civil Aviation*	08-09.10.2007

Id-9 ta' Ottubru, 2007

No. 888

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (CIVIL AVIATION)

THE Permanent Secretary in the Ministry for Competitiveness and Communications has approved the following acting appointment:–

9th October, 2007

Nru. 889

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI — REGOLAZZJONI DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru tas-Saħħa approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Dr J.M. Cachia	Direttur Ġenerali - Regolazzjoni dwar is-Saħħa Pubblika *Director General - Public Health Regulation*	Saħħa *Health*	10–12.10.2007

Id-9 ta' Ottubru, 2007

No. 889

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL — PUBLIC HEALTH REGULATION

THE Permanent Secretary in the Ministry of Health has approved the following acting appointment:–

9th October, 2007

Nru. 890

ATT DWAR IS-SERVIZZI VETERINARJI (KAP. 437)

Il-Kunsill tal-Kirurgi Veterinarji

NGĦARRFU b'din illi għall-finijiet ta' l-Artikolu 39 ta' l-Att Dwar is-Servizzi Veterinarji li l-Kunsill tal-Kirurgi Veterinarji se jkun kompost kif ġej għat-tliet snin li ġejjin:

Chairperson
Dott. Anthony Gruppetta, D.V.M.

Membri
Is-Sur Simon Sammut, B.A. Pub. Admin., M.B.A. (Henley)
Dott. Angele Casha, Med. Vet.
Dott. Duncan Chetcuti Ganado, Med. Vet

No. 890

VETERINARY SERVICES ACT (CAP.437)

Veterinary Surgeons' Council

IT is hereby notified that for the purposes of Article 39 of the Veterinary Services Act that the Veterinary Surgeons' Council for the next three years shall be constituted as follows:

Chairperson
Dr Anthony Gruppetta, D.V.M.

Members
Mr Simon Sammut, B.A. Pub Admin., M.B.A. (Henley)
Dr Angele Casha, Med. Vet.
Dr Duncan Chetcuti Ganado, Med. Vet

Dott. Robert Andrea Balbo, Med. Vet
Dott. Sam Bezzina, Med. Vet
Dott. Victor Vassallo, Med. Vet
Dott. Charmaine Xuereb, Med. Vet

Reġistratur tal-Kunsill tal-Kirurgi Veterinarji
Ms Joanne Papa, D.P.A., M.Sc (Training & HRM)

Id-9 ta' Ottubru, 2007

Dr Robert Andrea Balbo, Med. Vet
Dr Sam Bezzina, Med. Vet
Dr Victor Vassallo, Med. Vet
Dr Charmaine Xuereb, Med. Vet

Registrar of the Veterinary Surgeons' Council
Ms Joanne Papa, D.P.A., M.Sc (Training & HRM)

9th October, 2007

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 67 ta' l-2007

Il-Baga ta' l-Irmiġġ Nru. 1 fl-Istallazzjoni 31 ta' Marzu, Marsaxlokk

L-Awtorità Marittima ta' Malta tgħarraf lill-baħħara kollha li b'seħħ immedjat il-baga ta' irmiġġ Nru. 1 ħdejn l-istallazzjoni l-31 ta' Marzu fil-pożizzjoni:

Latitude (T)	*Longitude (L)*
35°49'.57	14°32'.10

tneħħiet biex tissewwa.

Il-baħħara huma avżati biex joqogħdu attenti meta jbaħħru fl-inħawi u jgħaddu bil-mod fl-inħawi msemmija hawn fuq.

Huma għandhom jobdu l-ordnijiet mogħtija mill-Valletta *Port Control* (VTS).

Il-pożizzjonijiet jirreferu għal WGS 84 DATUM.

Chart affettwata: BA *Chart* 194, 2538, 36.

Id-9 ta' Ottubru, 2007

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 67 of 2007

No. 1 Mooring Buoy at 31st March Installation, Marsaxlokk

The Malta Maritime Authority notifies all mariners that, with immediate effect, the No. 1 mooring buoy near the 31st Installation at position:

Latitude (N)	*Longitude (E)*
35°49'.57	14°32'.10

has been removed for repairs.

Mariners are advised to navigate with caution and slow speed when in the vicinity of the above-mentioned area.

They are to obey instructions as given out by Valletta Port Control (VTS).

Positions referred to WGS 84 DATUM.

Chart affected: BA Chart 194, 2538, 36.

9th October, 2007

MINISTERU GĦAR-RIŻORSI U INFRASTRUTTURA

Riżultat għall-Postijiet Vakanti ta' *Technical Officer* fid-Dipartiment għall-Manifattura u s-Servizzi tat-Taqsima tas-Servizzi, Ministeru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura

Id-Direttur Ġenerali (Taqsima tax-Xogħlijiet) jgħarraf illi r-riżultat għall-postijiet imsemmija hawn fuq ġie ppubblikat u wieħed jista' jarah fin-*notice-boards* ta' Project House, il-Furjana u l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

Id-9 ta' Ottubru, 2007

MINISTRY FOR RESOURCES AND INFRASTRUCTURE

Result of Vacant Posts of Technical Officer at the Manufacturing and Services Department of the Services Division, Ministry for Resources and Infrastructure

The Director General (Works Division) notifies that the result for the above-mentioned posts has been published and may be viewed on the notice-boards at Project House, Floriana and the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

9th October, 2007

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET RURALI U L-AMBJENT

Riżultat ta' l-Intervisti għall-Ingaġġ fuq Kuntratt fil-pożizzjoni ta' *Quality Control Manager* fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent

Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, jgħarraf illi r-riżultat ta' l-intervisti għall-postijiet imsemmija hawn fuq ġie ppubblikat u wieħed jista' jarah fin-*notice-board* prinċipali fid-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, 173, Triq San Kristofru, Valletta, u fuq in-*notice-board* fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

Id-9 ta' Ottubru, 2007

MINISTRY FOR RURAL AFFAIRS AND THE ENVIRONMENT

Result of Interviews for the Engagement on Contract in the Position of Quality Control Manager within the Ministry for Rural Affairs and the Environment

The Permanent Secretary, Ministry for Rural Affairs and the Environment, notifies that the result of the interviews for the abovementioned position has been published and may be viewed on the main notice-board at the Department of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment, 173, Triq San Kristofru, Valletta, and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

9th October, 2007

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjonijiet ta' *Senior Manager (EU Paying Authority)* fil-Ministeru tal-Finanzi

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjonijiet ta' *Senior Manager (EU Paying Authority)* fil-Ministeru tal-Finanzi.

2. Il-persuna magħżula tidħol f'kuntratt ta' tliet snin bħala *Senior Manager (EU Paying Authority)* fil-Ministeru tal-Finanzi. Persuna li ma tkunx tat sehem sodisfaċenti bħala *Senior Manager (EU Paying Authority)* matul il-perjodu tal-kuntratt ikollha l-kuntratt tagħha terminat.

3. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha grad sostantiv fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, hija żżomm il-grad sostantiv tagħha waqt il-perjodu tal-kuntratt u terġa' lura għall-grad sostantiv tagħha meta l-kuntratt jintemm. Fil-każ ta' persuna li ma tkunx Uffiċjal Pubbliku li għandha grad sostantiv fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, l-impieg tagħha mal-Ministeru tal-Finanzi kif ukoll mal-Gvern Malti jintemm fil-każ li jiġi terminat il-kuntratt.

4. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha grad sostantiv fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u, waqt il-perjodu tal-kuntratt, tiġi maħtura fi grad bi skala ta' salarju ogħla minn Skala 5, hija tkun mistennija li tħalli d-doveri ta' *Senior Manager (EU Paying Authority)* u tkun trasferita għal doveri li jikkorrispondu mal-grad il-ġdid tagħha. Iżda, jekk is-salarju sostantiv tal-persuna magħżula jitla' għal aktar mill-massimu ta' Skala 5 permezz ta' *progression*, il-persuna titħalla tkompli l-perjodu ta' l-ingaġġ tagħha kif provdut bil-kuntratt fis-seħħ.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Positions of Senior Manager (EU Paying Authority) in the Ministry of Finance

The Public Service Commission invites applications for the positions of Senior Manager (EU Paying Authority) within the Ministry of Finance.

2. The selected candidates will enter into a three-year contract as Senior Manager (EU Paying Authority) in the Ministry of Finance. Unsatisfactory performance as Senior Manager (EU Paying Authority) during the contract period will lead to termination of contract.

3. If the selected candidates are Public Officers holding a substantive grade in the Malta Public Service, they will retain their substantive grade during the contractual period and will revert to their substantive grade on the termination of the contract. In the case of selected candidates who are not Public Officers holding a substantive grade in the Malta Public Service, their employment with the EU Paying Authority as well as with the Maltese Government will be discontinued in case of termination of contract.

4. If the selected candidates are Public Officers holding a substantive grade in the Malta Public Service and, during the contract period, are appointed to a grade with a salary scale higher than Scale 5, they will be required to relinquish the duties of Senior Manager (EU Paying Authority) and be transferred to duties pertinent to their new grade. However, if the substantive salary of the selected officers becomes higher than the maximum of Scale 5 through progression, they will be allowed to complete their term of engagement as provided by the contract in force.

5. Is-salarju għal din il-pożizzjoni huwa ekwivalenti għall-massimu ta' Skala 5 (bħalissa Lm9,560 (€22,268.81) fis-sena). Għall-fini ta' l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet (Kap. 93), id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sostantiv tal-persuna u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance*, f'każ li tkun Uffiċjal Pubbliku bi grad sostantiv fis-Servizz Pubbliku ta' Malta.

5. The salary attached to this position is equivalent to the maximum of Salary Scale 5 (currently Lm9,560 (€22,268.81) per annum). For the purpose of the Pensions Ordinance (Cap. 93), the difference between the salary to which the selected candidate is entitled by virtue of the substantive grade and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance, in case he/she is a Public Officer holding a substantive grade in the Malta Public Service.

6.1 Minħabba n-natura speċjali tax-xogħol, persuna magħżula tkun intitolata wkoll għall-ħlas ta' *disturbance allowance* ta' 15% tas-salarju għal xogħol magħmul b'mod regolari wara l-ħin ta' l-uffiċċju. Din l-*allowance* tista' titla' sa mhux aktar minn 25% f'każi eċċezzjonali, wara l-approvazzjoni tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi.

6.1 In view of the special nature of the duties involved, the appointees will also be entitled to a disturbance allowance of 15% of the salary for work performed regularly after office hours. The allowance may be increased up to 25% in exceptional circumstances, and on the approval of the Permanent Secretary, Ministry of Finance.

6.2 Il-persuna magħżula tkun intitolata wkoll għall-*performance bonus* sa massimu ta' 10% tas-salarju bażiku marbut ma' xogħol sodisfaċenti. Ir-rata attwali tiġi stabbilita skond id-diskrezzjoni tad-Direttur (*EU Paying Authority*).

6.2 A performance bonus of up to 10% of the basic salary may be payable subject to satisfactory performance. The actual rate will be established at the discretion of the Director (EU Paying Authority)

7.1 Id-dmirijiet ewlenin ta' persuna fil-pożizzjoni ta' *Senior Programme Manager (EU Paying Authority)* jinkludu, fost oħrajn:-

7.1 The main duties of the position of Senior Manager (EU Paying Authority) are, inter alia, the following:-

(a) monitoraġġ ta' l-immaniġġar finanzjarju u ħlas effettiv tal-Fondi ta' l-Unjoni assenjati għall-proġetti taħt il-ħafna Programmi, li jinkludi l-ħruġ ta' kuntratti, implimentazzjoni, ibbaġitjar, ħlas u rapurtaġġ;

(a) monitoring the financial management and effective disbursement of EU funds assigned for projects under the various Programme/s assigned, including contracting, implementation, budgeting, payment, and reporting;

(b) żamma ta' *records* li jissarrfu bħala bażi soda għall-proċess kollu tal-Fondi ta' l-Ewropa;

(b) compiling adequate records which should serve as basis for sound financial management concerning the whole process of EU Funding;

(ċ) li tipprovdi assistenza u pariri lill-*Programme Managers* u uffiċjali oħrajn kif indikat, speċjalment fejn jidħlu riżorsi ta' l-Ewropa, u suġġetti tal-baġit u tal -finanzi;

(c) providing assistance, support and advice to Programme Managers and other indicated officials, especially on issues concerning EU resources, budgetary and financial matters;

(d) li tipprovdi pariri lid-Direttur u lill-Assistent Direttur ta' l-Awtorità fejn jidħlu argumenti relatati max-xogħol kollu tad-Direttorat;

(d) providing advice to the Director and Assistant Director of the EU Paying Authority, concerning issues related to all the functions and task performed by the Directorate;

(e) li żżomm kuntatt mal-Kummissjoni Ewropea u awtoritajiet oħrajn fuq ħlas u dħul ta' fondi mill-Unjoni;

(e) liaising with the European Commission and other competent authorities regarding the payment and receipt of EU Funds;

(f) li żżomm kuntatt mal-Ministeri u msieħba oħrajn, partikolarment il-*Managing Authority*, l-Awtorità ta' l-Awditjar, it-Teżor u d-Dipartiment tal-Kuntratti u msieħba orizzontali relevanti inklużi l-imsieħba, bil-għan li jifhmu b'mod ċar il-proċeduri u kontrolli relatati fl-immaniġġar tal-Fondi ta' l-Ewropa f' Malta:

(f) liaising with line Ministries and horizontal stakeholders, particularly the Managing Authority, the Audit Authority, the Treasury and the Department of Contracts and other relevant horizontal stakeholders including Partners with a view to developing a clear understanding of procedures and control relating to the management of EU Funds in Malta;

(g) li tikkoordina ma' Programmi oħrajn, inkluż il-*European Fisheries Fund* (EFF) u l-*European Agricultural Fund for Rural Development* (EAFRD);

(g) co-ordinating relevant matters with other Programmes, including the European Fisheries Fund (EFF) and the European Agricultural Fund for Rural Development (EAFRD);

(h) li tikkoordina suġġetti li għandhom x' jaqsmu mal-*European Union Acquis* fejn tidħol il-politika reġjonali b'mod ġenerali, u b'mod partikolari fejn jidħlu l-Fondi Strutturali u Fond ta' Koeżjoni;

(i) li tagħti tmexxija bħala membru tat-tim maniġerjali għoli tad-Diviżjoni; u

(j) li tagħmel xogħol ieħor kif imqabbda minn żmien għall-ieħor mid-Direttur (*EU Paying Authority*) u s-Segretarju Permanenti fi ħdan l-istess Ministeru.

7.2 Aktar informazzjoni dwar din il-pożizzjoni tista' tinkiseb mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi, 30, Maison Demandols, Triq Nofsinhar, Valletta.

8. Sal-ħin u d-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom:

(a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta; jew

(ii) ikunu ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea; jew

(iii) ikunu ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE għandu jiġi kkonsultat l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin); jew

(iv) ikunu l-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment tac-Ċittadinanza u *Expatriates*, Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Malti u bl-Ingliż;

(ċ) (i) ikollhom *postgraduate degree* rikonoxxuta, jew kwalifika komparabbli, xierqa, rikonoxxuta, fil-*European Studies* jew *International Studies,* jew *Management Studies,* jew *Business Studies,* jew *Public Policy,* jew *Legal Studies* jew f'qasam relatat, u tliet snin esperjenza ta' xogħol rilevanti (li waħda minn dawn trid tkun f'pożizzjoni ta' *management*);

jew

(h) co-ordinating issues dealing with the European Union Acquis concerning regional policy in general, and particular matters dealing with Structural Funds and the Cohesion Fund;

(i) providing leadership as part of the Division's senior management team;

(j) carrying out other duties as may be determined from time to time by the Director (EU Paying Authority) and the Permanent Secretary, Ministry of Finance.

7.2 Further details of the position description may be obtained from the Office of the Permanent Secretary, Ministry of Finance, 30, Maison Demandols, South Street, Valletta.

8. By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:-

(a) (i) citizens of Malta; or

(ii) citizens of another European Union Member State; or

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply); or

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

(b) able to communicate in the Maltese and English languages.

(c) (i) in possession of a recognized postgraduate degree, or a recognized, appropriate, comparable qualification, in European or International Studies, or in Management Studies, or Business Studies, or Public Policy or Legal Studies or in a related area, plus three (3) years relevant work experience (one year of which must be in a management position);

or

(ii) ikollhom *first degree* rikonoxxuta, jew kwalifika komparabbli, xierqa, rikonoxxuta, fil-*European Studies* jew *International Studies,* jew *Management Studies,* jew *Business Studies,* jew *Public Policy,* jew *Legal Studies* jew f'qasam relatat, u ħames snin esperjenza ta' xogħol rilevanti (li waħda minn dawn trid tkun f'pożizzjoni ta' *management*); u

(ii) in possession of a recognized first degree, or a recognized, appropriate, comparable qualification, in European or International Studies, or in Management Studies, or Business Studies, or Public Policy or Legal Studies or in a related area, plus five (5) years relevant work experience (one year of which must be in a management position);

(d) ikunu ta' karattru morali sod (applikanti li huma impjegati fis-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw il-formola *(GP 47) Service and Leave Record;* waqt li l-applikanti li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew minn awtorità oħra kompetenti mhux aktar tard minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern ta' Malta, u jagħtu d-dettalji).

(d) of good moral character; (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Malta Public Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or another competent authority not earlier than six (6) months prior to the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Malta Government Service, giving details).

9.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn tibdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità) (Kap. 413), ukoll jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u l-approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

9.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position provided that they can carry out, in essence, the duties related to the position and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

9.2 Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

9.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Division and copied to the NCPD.

10.1 Bord ta' l-Għażla jintervista l-applikanti eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għal din il-pożizzjoni.

10.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

10.2 Petizzjonijiet dwar oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom isiru fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tar-riżultat.

10.2 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of the result.

11.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopji tagħhom għandhom ikunu jew mehmużin ma' l-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lid-Dipartiment konċernat mhux aktar tard minn għaxart ijiem ta' xogħol mid-data ta' l-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabbli.

11.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the receiving Department by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

11.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

11.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

11.3 Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifikimaħruġaminnUniversitajietbarranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltàta'kwalifikimaħruġamill-*MaltaQualifications Recognition Information Centre* (MQRIC) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol jew l-awtorità kompetenti skond il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

12. Il-persuni magħżula li mhumiex fis-Servizz Pubbliku jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi żgurat li huma adatti għal din il-pożizzjoni.

13. Malli jkunu ingaġġati, il-persuni magħżula jintrabtu bil-kundizzjonijiet, kif aġġornat minn żmien għal żmien, kif hemm stipulat fl-*agreement* li japplika għal dawk l-Uffiċjali Pubbliċi li m'għandhomx/għandhom grad sostantiv fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, liema *agreement* jidher f'Appendiċi VIII u IX tal-*Public Service Management Code* rispettivament. Il-*Public Service Management Code* jista' jiġi aċċessat fuq il-*website* tal-*Management and Personnel Office* fl-indirizz: http://www.mpo.gov.mt

14. Il-persuni magħżula jistgħu jkunu meħtieġa li jsiefru (sew fuq taħriġ kif ukoll fuq xogħol) skond id-direzzjoni tad-Direttur (*EU Paying Authority*).

15. Il-persuni magħżula li jmorru barra minn Malta fuq taħriġ ikunu marbuta mal-kundizzjonijiet tal-*Public Service Management Code*.

16. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *Curriculum Vitae* li jindikaw il-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mid-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru tal-Finanzi, 30, Maison Demandols, Triq Nofsinhar, Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin ta' l-Ewropa Ċentrali) ta' nhar il-Ġimgħa, 2 ta' Novembru 2007.

17. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn is-siti:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mid-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru tal-Finanzi, 30, Maison Demandols, Triq Nofsinhar, Valletta.

18. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar (Ħin ta' l-Ewropa Ċentrali) ta' nhar il-Ġimgħa, 2 ta'

11.3 It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as it becomes available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications.

12. Selected applicants who are not already in the Malta Government Service will be medically examined to ascertain that they are fit for the position.

13. On engagement, the selected applicant will be bound by the terms and conditions, as updated from time to time, stipulated in the agreement for public officers not holding/holding a substantive grade in the Malta Public Service, included as Appendices VIII and IX respectively in the Public Service Management Code accessible from the Management and Personnel Office website at address: http://www.mpo.gov.mt

14. The selected applicants may be required to travel abroad (for training and also for work) as determined by the Director (EU Paying Authority).

15. The selected applicants proceeding abroad to follow courses will be bound by the relevant conditions laid down in the Public Service Management Code.

16. Applications together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience will be received in the first instance by the Department of Corporate Services, Ministry of Finance, 30, Maison Demandols, South Street Valletta, by not later than **noon** (Central European Time) of Friday, 2nd November 2007.

17. Application forms may be downloaded from the following websites:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Department of Corporate Services, Ministry of Finance, 30, Maison Demandols, South Street, Valletta.

18. Applications received from abroad through fax or other similar message by noon (Central European Time) of Friday, 2nd November 2007, may be considered provided

Novembru 2007, jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru tal-Finanzi, fl-indirizz imsemmi hawn fuq sa mhux aktar tard minn ġimgħa mid-data ta' l-għeluq, flimkien ma' spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tal-Ministeru tal-Finanzi huwa + 365 2125 1356.

19. (a) Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn lid-Direttur Ġenerali (*Support Services*), Ministeru tal-Finanzi.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Direttur Ġenerali (*Support Services)*, Ministeru tal-Finanzi, jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Id-9 ta' Ottubru, 2007

that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Ministry of Finance by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the Ministry of Finance is +356 2125 1356.

19. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director General, Support Services, Ministry of Finance, and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director General, Support Services, Ministry of Finance, within seven (7) days.

9th October, 2007

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjoni ta'
Manager (Management Accounting)
fid-Diviżjoni tat-Teżor, Ministeru tal-Finanzi

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' *Manager (Management Accounting)* fid-Diviżjoni tat-Teżor fil-Ministeru tal-Finanzi.

2.1 Il-persuna magħżula tidħol f'kuntratt ta' tliet snin bħala *Manager (Management Accounting)* fid-Diviżjoni tat-Teżor fil-Ministeru tal-Finanzi. Persuna li ma tkunx tat sehem sodisfaċenti bħala *Manager (Management Accounting)* matul il-perjodu tal-kuntratt ikollha l-kuntratt tagħha terminat.

2.2 Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha grad sostantiv fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, hija żżomm il-grad sostantiv tagħha waqt il-perjodu tal-kuntratt u terġa' lura għall-grad sostantiv tagħha meta l-kuntratt jintemm. Fil-każ ta' persuna magħżula li ma tkunx Uffiċjal Pubbliku li għandha grad sostantiv fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, l-impieg tagħha mal-Ministeru tal-Finanzi kif ukoll mal-Gvern Malti jintemm fil-każ li jiġi terminat il-kuntratt.

2.3 Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha grad sostantiv fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u, waqt il-perjodu tal-kuntratt, tiġi maħtura fi grad bi skala ta' salarju ogħla minn Skala 7, hija tkun mistennija li tħalli d-doveri ta' *Manager (Management Accounting)* u tkun trasferita għal

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Position of Manager (Management Accounting) in the Treasury Division, Ministry of Finance

The Public Service Commission invites applications for the position of Manager (Management Accounting) in the Treasury Division, Ministry of Finance.

2.1 The selected candidate will enter into a three (3) year contract as Manager (Management Accounting) in the Treasury Division within the Ministry of Finance. Unsatisfactory performance as Manager (Management Accounting) during the contract period will lead to termination of contract.

2.2 If a selected candidate is a Public Officer holding a substantive appointment in the Malta Public Service, he/she will retain his/her substantive grade during the contractual period and will revert to his/her substantive grade on termination of contract. In the case of a selected candidate who is not a Public Officer holding a substantive appointment in the Malta Public Service, his/her employment with the Ministry of Finance as well as with the Maltese Government will be discontinued in case of termination of contract.

2.3 If the selected candidate is a Public Officer holding a substantive appointment in the Malta Public Service and, during the contract period, is appointed to a grade with a salary scale higher than Scale 7, he/she will be required to relinquish the duties of Manager (Management Accounting)

doveri li jikkorrispondu mal-grad il-ġdid tagħha. Iżda, jekk is-salarju sostantiv tal-persuna magħżula jitla' għal aktar mill-massimu ta' Skala 7 permezz ta' *progression*, il-persuna titħalla tkompli l-perjodu ta' l-ingaġġ tagħha kif provdut bil-kuntratt fis-seħħ.

3.1 Is-salarju għal din il-pożizzjoni huwa ekwivalenti għall-massimu ta' Skala 7 (bħalissa Lm8,316 (€19371.07) fis-sena). Għall-fini ta' l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet tal-1937, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sostantiv tal-persuna u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance*, f'każ li tkun Uffiċjal Pubbliku bi grad sostantiv fis-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2 Il-persuna magħżula tkun intitolata wkoll għall-*performance bonus* sa massimu ta' 10% tas-salarju bażiku marbut ma' xogħol sodisfaċenti.

4. Persuna fil-pożizzjoni ta' *Manager (Management Accounting)* tirraporta direttament lid-Direttur, *Government Accounts* u lill-*Accountant General*. Id-dmirijiet jinkludu:

(i) li tipprovdi għajnuna lid-Direttur, *Government Accounts,* fil-qasam tal-*Cost and Management Accounting*;

(ii) li tassisti fit-twaqqif ta' struttura ta' *Cost and Management* fil-Gvern Malti;

(iii) li tipprovdi rapporti kif meħtieġ dwar *cost structures* fuq livell ta' *business unit, cost centre* u/jew fuq livell ta' attività/prodott/servizz;

(iv) li tassisti fil-qasam tal-*financial management* biex tassigura li s-sistemi finanzjarji, *budgeting, business planning* u sistemi ta' rapurtaġġ huma *user-friendly*, relevanti għall-funzjonijiet adottati u tajbin biex jaqdu l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta;

(v) li tipprovdi analiżi finanzjarja fuq proposti dwar spiża/investiment u *feasibility studies* li jgħinu biex jittieħdu deċiżjonijiet tajbin;

(vi) li tirrevedi proċessi ta' xogħol skond riformi fil-qasam tal-*Financial Management* u l-implimentazzjoni tal-metodoloġija ta' l-*Accrual Accounting* fil-Gvern, b'riferenza partikolari għall-introduzzjoni tal-*Malta Government Accounting Standards (MGAS)*;

(vii) li tipprovdi pariri u għajnuna lid-dipartimenti fuq affarijiet li għandhom x'jaqsmu mal-metodoloġija tal-kontabbiltà, interpretazzjoni ta' l-*Accounting Standards* u l-liġi finanzjarja;

and be transferred to duties pertinent to his/her new grade. However, if the substantive salary of the selected officer becomes higher than the maximum of Salary Scale 7 through progression, he/she will be allowed to complete his/her term of engagement as provided by the contract in force.

3.1 The salary attached to the position of Manager (Management Accounting) is equivalent to the maximum of Scale 7 (currently Lm8,316 (€19,371.07) per annum). For the purpose of the 1937 Pensions Ordinance, the difference between the salary to which the selected candidate is entitled by virtue of the substantive grade and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance, in case he/she is a Public Officer holding a substantive grade in the Malta Public Service.

3.2 The selected candidate will also be entitled to a performance bonus of up to a maximum of 10% of his/her basic salary subject to positive performance.

4. The Manager (Management Accounting) will report to the Director, Government Accounts and the Accountant General. Duties will include:

(i) providing support to the Director, Government Accounts, in the area of Cost and Management Accounting;

(ii) assisting in the setting up of a Cost and Management accounting structure in the Maltese Government;

(iii) providing reports as required on cost structures at business unit, cost centre, and/or activity/product/service level;

(iv) assisting in the area of financial management to ensure that the financial, budgeting, business planning and reporting systems are user-friendly, functionally relevant, and appropriate to meet the needs of the Malta Public Service;

(v) providing financial analysis of expenditure/investment proposals and feasibility studies that will assist sound management decisions;

(vi) reviewing business operations in line with financial management reforms and the implementation of the Accrual Accounting Methodology in Government, with particular reference to the introduction of the Malta Government Accounting Standards (MGAS);

(vii) providing advice and support to departments on issues relating to Accounting Methodology, interpretation of Accounting Standards and Financial Legislation;

(viii) li taħdem flimkien ma' organizzazzjonijiet u istituzzjonijiet stabbiliti fil-qasam tal-kontabbiltà (lokali u internazzjonali) biex iżżomm ruħha aġġornata dwar żviluppi fil-leġislazzjoni finanzjarja u tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni ta' l-aħjar prattiċi adottati;

(ix) li tgħallem, tidderiġi u tassisti *accounting officers* fis-Servizz Pubbliku ta' Malta;

(x) li tiċċertifika *Accounting Reports*.

5.1 Sal-ħin u d-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom:

a) ikunu ċittadini ta' Malta;

b) (i) ikollhom *postgraduate degree* rikonoxxuta, jew kwalifika rikonoxxuta komparabbli xierqa, fl-*Accountancy,* u sena (1) esperjenza ta' xogħol relevanti;

Jew

(ii) ikollhom *first degree (Honours)* rikonoxxuta, jew kwalifika rikonoxxuta komparabbli xierqa, fl-*Accountancy,* u tliet snin (3) esperjenza ta' xogħol relevanti;

u

ċ) ikunu ta' karattru morali sod (applikanti li huma mpjegati fis-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw il-formola *(GP 47) Service and Leave Record;* waqt li l-applikanti li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew minn awtorità oħra kompetenti mhux aktar tard minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern ta' Malta, u jagħtu d-dettalji).

5.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lil dawk il-kandidati li għandhom esperjenza fil-qasam tal-*Cost and Management Accounting*, proċeduri governattivi u IT.

